# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Erbgha, 12 ta' Lulju, 2002.**

**Numru 28**

**Citaz. Nru. 326/98GV/7**

Doc. Nru. 288-02

**Saviour u Violet Sammut.**

**vs**

**Robert Demanuele**

**Il-Qorti,**

**PRELIMINARI**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi fis-26 ta' Lulju 1997, ghall-habta tal-9.05 pm, f'Rue d'Argens kantuniera ma St. Albert Street, Gzira, waqt li l-atturi kienu qed jaqsmu Rue d'Argens flimkien, l-imsemmija attrici spiccat mtajjra mill-konvenut li kien qed isuq karozza Ford Escort van numru GAH-037 ;

Premess illi konsegwenza ta' dan l-incident l-attrici soffriet danni materjali u dizabilita' permanenti, u giet stabbilita mill-Professur Carmel Apap Bologna grad ta' dizabilita' ta' 30 %;

Premess illi r-responsabilita' ta' dan l–incident u l-konsegwenzjali danni li soffriet l-attrici hija tal-konvenut, minhabba n-negligenza, traskuragni u inoservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu;

Premess illi interpellat biex jersaq ghall-likwidazzjoni u hlas ta' danni sofferti mill-attrici konsegwenza tal-incident imsemmi, il-konvenut baqa' inadempjenti ;

L-atturi talbu lil din il-Qorti, ghar-ragunijiet premessi:

(1) tiddikjara li l-konvenut jigi dikjarat responsabbli ghall-incident in kwistjoni li sehh fis-26 ta' Lulju, 1997, li fih soffriet danni l-attrici;

(2) tillikwida d-danni li sofrew l-atturi konsegwenza tal-imsemmi incident, konsistenti dawn id-danni kemm f'*damnum emergens* kif ukoll *f'lucrum cessans* fil-konfront tal-attrici; u

(3) tikkundanna lil konvenut ihallas lill-atturi dik is-somma li tigi hekk likwidata.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tat-18 ta' Awissu, 1997, u bl-imghaxijiet legali skond il-ligi.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut a fol. 20 fejn eccepixxa:

1. Illi l-incident tat-trafikku li sehh fis-26 ta' Lulju, 1997 f'Rue d'Argens, Gzira waqt li l-eccipjenti kien qed isuq il-vettura Ford Escort numru ta' registrazzjoni GAH 037, ma garax tort u htija tieghu izda gara unikament tort u htija tal-attrici, Violet Sammut, li qasmet it-triq minghajr ma' hadet l-ebda prekawzjoni kif kienet obligata li taghmel u dana kif sejjer jigi spjegat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

2. Illi stante li dan l-incident ma' garax tort u htija tal-eccipjenti, l-ebda ammont ma' huwa dovut lill-atturi in linea ta' danni, u ghalhekk it-talbiet taghhom ghandhom jigu respinti bl-ispejjez.

3. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-digrieti a fol. 87, a fol. 121 u a fol. 146;

Rat ir-rapporti a fol. 109 u 149;

Rat in-noti tal-partijiet;

**PROVI**

**P.S. 513 Anthony Gerada** xehed li kien investiga dana l-kaz. Hu pprezenta r-rapport li kien ghamel fuq dana l-incident li jinsab a fol. 94-95. Il-vittma kienet qed issofri minn griehi ta' natura gravi u qatt ma taghat il-versjoni taghha ghax ma ftakritx x'gara. Ir-ragel taghha u d-driver tal-karozza taw il-versjoni taghhom ta' kif gara l-incident. *Zebra crossing* ma kienx hemm dak iz-zmien. Il-karozza halliet 25 metre *brake mark*.

Fil-***Brief Description of Accident*** (fol. 6 a tergo) hemm imnizzel hekk:

*Car No: GAH037 was proceeding down Rue D'Argens from direction of Sliema whilst pedestrian Violet Sammut was crossing the road and was hit by said car.*

**Fir-*Road Accident Report*** hemm imnizzel **x'qal il-konvenut** dak il-hin tal-incident. *He stated that he was proceeding down Rue D'Argens towards Msida, at approximately 40 K.P.H. He suddenly saw two persons crossing the road from the right hand side to the left. One of the persons - a male - stopped, but the other person - the female - continued crossing He applied the brakes and swerved to avoid same, but he hit said person with the left side of the car, and he immediately stopped*.

Il-Pulizija kellmu lir**-ragel tal-persuna midruba** li qal hekk:

*The husband of victim namely Saviour Sammut, who was in the company of his wife when the accident occurred , was spoken to and stated that they were going to cross Rue D'Argens, and seeing no traffic coming from direction of Msida, and a car at a distance coming from Sliema, according to Sammut said car was near the Savoy Petrol station, they started to cross. He also stated that probably his wife was ahead of him, when suddenly she was hit by the mentioned car.*

Mad-*driver* tal-karozza kien hemm **passiggiera, Agnes Gauci**. Din giet rapportata li qalet hekk.

*The passenger inside the car corroborated the version of the driver, but wished to add that after the accident occurred the husband of the victim told her that he had told his wife not to cross the road* (fol. 95).

**Hsara fil-karozza u *brakes*.**

Fil-karozza giet kostata dina l-hsara: *Damages on its front windscreen (lower left corner), left mirror and dent on the front bonnet, It was established that the car left 25 meter brake marks, and its front wheels were turned to the right.*

**Provi dwar l-incident**

**L-attur** xehed li kien ser jaqsam Rue D'Argens ma martu. Hares lejn in-naha ta' l-Imsida u ma kien gej xejn, imbaghad hares lejn in-naha tas-Savoy u hdejn il-pompa tal-petrol ra karozza. Sadanittant qasmu u l-mara kienet daqsxejn 'il quddiem minnu u hu ftit warajha. F'lehha ta' berqa jsibu l-karozza fuqhom li kienet nizlet apparentement bi speed verament qawwi. Il-karozza/van tat daqqa lill mara u tajritha tul ta' kantuniera u spiccat wicca ma l-art fuq il-bankina. Il-van halla 81 pied *brakemark*. Fil-kantuniera fejn intlaqtet il-mara hemm bozza.

Ghalkemm hu kien ra l-karozza fejn is-Savoy hu hass li setghu jaqsmu komodament, ghax deherlu li kien hemm tul bizzejjed li jistghu jaqsmu. Il-mara tieghu kienet qed thaffef aktar minnu. Cahad li kien qal lill mara biex ma taqsamx. Kienu iddecidew flimkien li jaqsamu. Il-konvenut setgha jarahom bid-dawl li kellu.

**Il-konvenut** xehed li kien qed isuq il-van sejjer lejn l-Imsida. Kien id-dlam u kellu d-dawl mixghulin. Kien ghaddej b'xi 30/40 kph. Quddiemu ma kienx hemm traffiku iehor u kellu *clear view* ta' Rue D'Argens. Hu kompla bl-Ingliz hekk:

*I was going down the hill, when I noticed that below the right hand pavement there was a man standing. At the time a woman was crossing the road. I therefore applied my brakes and flashed my head lamps. It would appear that the husband noticed me and he did not cross, however, the woman kept moving forward and she hit my car which was moving down hill under brake. I recall that the woman was wearing a dark dress with a flower design. (fol 106)… After the accident, the man who was with the woman, came to my car and I understood him to say that he had told his wife not to cross.*

**Agnes Gauci** li kienet fil-van xehdet li kienu nizlin Rue D'Argens bi *speed* normali u bid-dawl mixghulin. F'hin minnhom rat ragel taht il-bankina fejn tal-*Car Parts* fuq il-lemin taghhom. Dak il-hin hu kien wieqaf u huma kienu xi blokk il-boghod minnu. Ftit sekondi wara rat haga skura taqsam it-triq. Il konvenut ghafas il-*brake* u petpet id-dawl izda l-mara kompliet taqsam it-triq. Hi ghalqet ghajnejha u ghalhekk l-impatt ma ratux imma semghet il-hoss tad-daqqa. Hekk kif waqfu ir-ragel mar fuqhom u mit-tieqa tan-naha taghha qalilhom "Ghidtilha biex ma taqsamx".

**Responsabilita' ghall-incident**

Illi mill-iskizz ezibit a fol. 7 jirrizulta li l-van misjuq mill-konvenut halla 25 *metre brakemarks* (jew 82 pied) li hu ekwivalenti ghall sewqan bi speed ta' xi haga fuq is- 60 kfs meta f'dik il-lokalita,' li hija *built up area*, l-massimu regolamentari konsentit hu ta' 50 kfs. Inoltre l-konvenut kien isuq f'nizla u ghalhekk kien hemm aktar *momentum* fil-karozza. Bid-daqqa l-attrici giet imtajra tul ta' kantuniera.

Il-*brakemarks* huma indikativi wkoll li l-konvenut kien induna li l-attrici kienet qed taqsam it-triq. Jigifieri li ma kienx kaz fejn kien hemm *a sudden emergence* ta *pedestrian* li nizel mill-bankina inaspettatament u ma tahx opportunita' lid-*driver* li jiehu azzjoni tempestiva biex iwaqqaf il-karozza u jevita l-incident. Il-konvenut kien ra lill attrici fin-nofs tat-triq qed taqsam, imma minhabba li *speed* li kien ghaddej bih ma setghax iwaqqaf tempestivament.

Il-kaz li fih *driver* jista' jkun ezentat mir-responsabilita' hu dak biss li fih il-*pedestrian*, b'xi att inaspettat jew subitaneju jew xort'ohra b'xi ghemil tieghu,

jkun qieghed lid-*driver* f'posizzjoni li anke bl-uzu tad-diligenza mehtiega dan ma setghax assolutament jevita l-investiment (App Krim Pul vs C. Mifsud Vol 38 p 859).

*In caso di incidente stradale tra un veicolo ed un pedone, il conducente del primo che circoli a velocita' non particolarment moderata nell'abitato e' responsabile dell'investimento del secondo anche quando questi abbia attraversato improvvisamenti la strada, a meno che tale attraversamento si sia verificato quando il veicolo era a distanza cosi ravvicinata che l-evento non avrebbe potuto essere evitato nemmeno da una macchina circolante a velocita moderata* (Il Pedone. Gian Carlo Angeloni ).

L-attur xehed li l-karozza kienet fejn il-pompa tas-Savoy meta ra l-karozza l-ewwel darba mentri l-konvenut u Gauci xehdu li meta l-ewwel raw lill persuna taqsam, huma kienu blokk il-boghod. Dana jfisser li kieku huma kienu ghaddejjin bi *speed* regolamentari l-attrici kien jirnexxilha taqsam u l-konvenut iwaqqaf tempestivament u jevita l-incident, imma minhabba li *speed* li kien ghaddej bih il-konvenut dana ma setghax jaghmel hekk. Il-konvenut kellu vizwali ghat tul u fid-dritt u ma kienx hemm traffiku quddiemu ghalhekk lill attrici seta' jaraha.

Il-*pedestrian* li jaqsam it-triq ghandu d-dritt jistenna li d-*driver* juza d-diligenza mehtiega biex jevitah, anke jekk il-*pedestrian* jaqsam negligentement, id-*driver* ghandu jkun ritenut responsabbili, jekk ikun naqas minn xi dmir tieghu (bhal per ezempju *speed* eccessiv) b'mod li jkun pogga ruhhu f'posizzjoni li hu ma setghax jevita' l-investiment tal-*pedestrian* (App Krim Pul vs C. Mifsud Vol 38 p 859).

Jirrizulta anke li l-attrici meta qasmet ghamel hekk b'certa heffa tant li meta ntlaqtet hi kienet kwazi telghet il-bankina tan-naha l-ohra. Hija kienet qasmet minn naha tal-lemin ghan-naha tax-xellug. Inoltre hi qalghet id-daqqa bix-xellug tal-karozza tal-konvenut - mera tax-xellug u *bottom left corner* tal-*windscreen* imkisser.

Il-konvenut semma li l-attrici qasmet meta mhux suppost u li kienet liebsa skur. Dwar din l-ahhar osservazzjoni "*pedestrian*" ma hux negligenti ghas-semplici

raguni li jkun liebes libsa skura (App Civ. Camilleri vs Cutajar 9.12.68). Fejn intlaqtet l-attrici kien hemm bozza li ddawwal l-*area* (ara rapport tal-Perit Richard Aquilina).

*Driver* ta' vettura ghandu d-dover li jistenna li fi trieqtu jistghu jinzertaw nies li, minhabba l-eta' taghhom, jew ghal xi raguni ohra, ma jkollhomx la dik ic-celerita' ta' percezzjoni, la dik il-prontezza ta' decizjoni, u lanqas l-isveltezza ta' movimenti, li jehtiegu c-cirkostanzi (App Krim P vs J. Thorton Vol XLV p4 p 920).

Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li t-tort ghall-incident kien unikament tal-konvenut.

**Rapporti Medici.**

L-attrici sofriet dizabilita' permanenti minhabba dana l-incident.

**Profs. Carmel Apap Bologna,** prodott *ex parte* mill atturi, ikkonferma r-rapport li kien ghamel (ara fol. 9) fuq inkarigu ta' l-atturi. Hu kien ezamina lill attrici u sab li dina kienet qed tbati minn dizabilita' permanenti li kkalkola li kienet ta' 30%. Ir-rapport (datat 24 ta' Jannar, 1998) sar sitt xhur wara l-incident (li sar fis-26 ta' Lulju, 1997) u l-pazjenta llum setghet ghamlet *improvement*.

**Il-kirurgu Mr. Charles Grixti,** nominat minn dina l-Qorti (ara fol. 87) ipprezenta rapport li jinsab a fol. 109 fejn sab li l-attrici, Violet Sammut sofriet ksur fin-naha tal-lemin tal-pelvis, fuq in-naha ta' barra tal-klavikula tal-lemin kif ukoll fil-ghadma tal-irkoppa tax-xellug. Ghalkemm il-ksur ghaqad jibqa' l-fatt li l-ksur tal-gok tal-genb (*hipjoint*) u dak tal-irkoppa x-xellugija jinvolvi l-wicc tal-gokk u li hemm irregolarita' f'dan il-wicc, liema rregolarita' tinduci artrite fil-gok tal-genb tal-lemin u ta' l-irkoppa x-xellugija liema artrite tista' tillimita l-pazjenta mill-mixi u tkun kagun ta' ugiegh. Minn dan l-att, hu jistma d-dizabilita' li sofriet Sammut kagun ta' dana l-incident mill-ksur imsemmi ta' **18%.** Din il-figura ma tinkludix il-konkussjoni cerebrali li kellha l-pazjenta kagun tad-dmija li kellha fil-ventrikuli tal-mohh liema hsara ghandha tigi evalwata b'mod separat minn neurologu (fol 177-188).

Ghalkemm **Dr. Mario Tabone**, kien ezamina lill Sammut privatament, il-partijiet qablu li l-Qorti tinnomina lilu wkoll bhala espert tal-Qorti biex jirrelata dwar id-dizabilita' li sofriet f'ghajnejha Sammut (fol. 146).

Dr. Mario Tabone xehed quddiem il-Qorti fejn qal li minhabba dana l-incident Sammut kellha emorogija cerebrali u bdiet tara doppju. Ir-raguni kienet li kien hemm paralesi tas-sitt nerv. Qabel l-incident ma kinitx tbati minn *double vision*. Biex tevita li tara doppju l-pazjenta tispicca talaqha konstantement u ghalhekk id-disabilita' hija ta' 20/25%.

Imbaghad Dr. Tabone kien hejja rapport bil-miktub li jinsab a fol. 149 fejn qal li l-ghajnejn it-tnejn huma strutturalment normali. Il-pazjenta ghandha diplopia, jigifieri tara doppju, l-iktar meta thares lejn ix-xellug u inqas meta thares dritt il-quddiem. Dan jirrizulta minn paralisi tas-sitt nerve. F'dan il-kaz iz-zewg ghajnejn jaraw prattikalment normali izda meta jithaddmu flimkien ikun hemm diplopia. Din hi dizabilita' sinifikattiva u dizorjentanti. Id-diplopia mhux facli li tikkwantifikaha b'ezattezza. Hu ikkonkluda li meta titlef ghajn wahda, id-dizabilita' operattiva hi ta madwar 40%. F'dan il-kaz l-ebda ghajn mhiex mitlufa izda biex tevita d-diplopia l-pazjenta taghlaq wahda jew l-ohra; allura d-dizabilita' **ta' 20%** hi gusta.

**Danni**

**Il-Ligi**

**1031. K**ull persuna twiegeb ghall-hsara li tigri bi htija taghha.

**1032.** (1) Jitqies fi htija kull min bl-eghmil tieghu ma juzax il- prudenza, id-diligenza, u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-famiija.

(2) Hadd ma jwiegeb, fin-nuqqas ta' disposizzjoni espressa tal- ligi, ghall-hsara li tigri minhabba nuqqas ta' prudenza, ta' diligenza jew ta' hsieb fi grad akbar.

**1045.** (1) Il-hsara li l-persuna responsabbli ghandha twiegeb ghaliha, skond id-disposizzjonijiet ta' qabel, hija t-telf effettiv li l-eghmil taghha jkun gieb direttament lill-parti li tbati l-hsara, l-ispejjez li din il-parti setghet kellha taghmel minhabba l-hsara, it-telf tal-paga jew qligh iehor attwali, u t-telf ta' qligh li tbati 'l quddiem minhabba inkapacità ghal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-eghmil seta' jgib.

(2) Is-somma li ghandha tigi moghtija ghal din l-inkapacità tigi stabbilita mill-qorti, wara li tqis ic-cirkostanzi tal-kaz, u, b'mod partikolari, ix-xorta u grad ta' inkapacità ikkaggunata, u l- kondizzjoni tal-parti li tbati l-hsara.

**Damnum Emergens**

Bhala telf effettiv, jew *damnum emergens*, li sofriet l-attrici u ispejjez li kellha taghmel minhabba l-hsara kagjonata, gew ezibiti diversi ricevuti li jinsabu a fol. 8 u 129. Dawn kollha jammontaw ghas-somma ta' Lm242.80.

**Lucrum Cessans**

Fiz-zmien ta' l-incident l-attrici kellha 65 sena. Qabel l-incident hija kienet attiva u kienet taghmel kollox. Illum hi izzappap (hi tuza *wheelchair*), ghandha *brain damage* u tbati minn *double vision*. Illum ghandha bzonn l-ghajnuna.

Gie stabilit mill-Qrati taghna li mara tad-dar ghandha dritt ghall kumpens u x-xoghol tad-dar ghandu valur ekonomiku, Dan m'ghandux jitqies li jiswa anqas mill-paga minima nazzjonali (Ara PA GCD Ebejer vs Spiteri 16/12/97; Borg vs Zammit PA NA 22/3/99; Zammit vs Bezzina App 19/9/73; Apap vs Degiorgio App 16/1/84; u Grech vs Briffa PA 21/2/97). Ghalhekk ghall finijiet tal-likwidazzjoni tal-*lucrum cessans* il-Qorti sejra tiehu bhala qliegh ta' l-attrici s-somma ta' Lm50 fil-gimgha jew Lm2,600 fis-sena. Din, mizjuda b'10% biex taghmel tajjeb ghaz-zidiet li jinghataw 'il quddiem igibu Lm2,860.

Meta gara l-incident l-attrici kellha 65 sena u stante li bhala mara tad-dar ix-xoghol taghha ma jieqafx mal 61 sena , izda billi jrid jigi stabilit limitu, *multiplier* ta' 8 snin ikun xieraq f'dan il-kaz. B'dan il-*multiplier* l-ammont jitla' ghall Lm22,880.

Il-grad ta' debilita' permanenti ta' l-attrici kien ta' 18% moghti minn Mr. Charles Grixti u 20% moghti minn Mr. Mario Tabone. Il-konvenut qed jippretendi li l-Qorti tkun skoretta jekk tasal biex tghid li l-attrici qed tbati minn debilita' totali ta' 38% u rrefera ghas-sentenzi Caruana vs Camilleri JSP 5/10/93 u Bartolo vs Zammit 30/4/01 t-tnejn moghtija minn dina l-Qorti.

Fil-kaz M. Caruana vs G. Camilleri PA JSP 5/10/93 il-Qorti tkellmet dwar "*weighted avreage*" u rriferit ukoll ghas-sentenza Butler vs Heard fejn intqal li "dak li jrid jigi stabbilit ma huwiex il-grad ta' inkapacita' f'sens purament mediku, izda l-effett illi l-hsara personali ghandha fuq il-qligh tad-danneggjat."

L-awtur Munkman's (*Damages for personal injuries and death*) isemmi li *one method of assessment is to consider the sort of figure awarded for total incapacity, and estimate how far the case falls short of total incapacity; another approach is to see how the disability compares with the loss of a leg or other limb.*

Fil-kaz in ezami l-Qorti hi tal-fehma 38% jirrapprezenta grad ta' incapacita' li jirrispekkja t-telf ta' indipendenza konsegwenti ghad danni li l-attrici sofriet fil-vizta u f'riglejha.

Stante li l-attrici sejra tiehu l-*lucrum* tal-futur bil-quddiem, u billi mill-incident diga ghaddew erba snin, ghandu jkun hemm tnaqqis biss ta' 10%. B'kollox l-ammont jigi 38% ta' Lm22,880 u tnaqqas 10% = Lm7,825.

**RIEPILOGU**

| | | |
|---|---|---|
| **Damnum Emergens** | **Lm** | **242.80** |
| **Lucrum Cessan** | **Lm** | **7,825.00** |
| **Total** | **Lm** | **8,067.80** |

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi
billi tilqa' t-talbiet attrici u

(1) tiddikjara lill konvenut responsabbli ghall-incident in kwistjoni li sehh fis-26 ta' Lulju, 1997, li fih soffriet danni l-attrici,

(2) tillikwida d-danni li sofrew l-atturi konsegwenza tal-imsemmi incident, fl-ammont ta' Lm8,067.80; u

(3) tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma hekk likwidata.

Bl-imghax mid-data tas-sentenza sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**DEPUTAT REGISTRATUR**